MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 183/2012

**HSBC BANK MALTA p.l.c. (C – 3177)**

vs

Pamela **CORSER**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-21 ta' Frar, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-Bank attur talab li din l-Qorti (i) issib li l-imħarrka għandha tħallsu s-somma ta' tnax-il elf tliet mija u tlettax-il euro u sitt

ċenteżmi (€ 12,313.06) rappreżentanti bilanċi għad-debitu minn faċilitajiet bankarji minnu lilha mogħtijin, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-26 ta' Jannar, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv; u (ii) tikkundanna lill-istess imħarrka tħallsu l-imsemmija somma ta' tnax-il elf tliet mija u tlettax-il euro u sitt ċenteżmi (€ 12,313.06) rappreżentanti bilanċi għad-debitu minn faċilitajiet bankarji minnu lilha mogħtijin, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-26 ta' Jannar, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat li l-imħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, iżda naqset li tressaq tweġiba fiż-żmien lilha mogħti mil-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-4 ta' Ottubru, 2012 mill-avukat difensur imqabbad mill-imħarrka li biha, u fin-nuqqas ta' oppożizzjoni min-naħa tal-avukat difensur tal-Bank attur, il-Qorti sabet li kienet ingħatat raġuni tajba biex tħalli lill-imħarrka tneħħi l-kontumaċja tagħha u titħalla tikkontesta l-kawża wara li jinħatrilha avukat tal-Għajnuna Legali;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fid-29 ta' Ottubru, 2012, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li d-dokumenti mressqa mar-Rikors Maħluf m'għandhomx jitqiesu bħala prova ammissibbli ladarba mhumiex l-oriġinali u lanqas awtentikati bħala kopji vera tal-oriġinal. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li s-somma mitluba mill-Bank mhijiex mistħoqqa għaliex ma ttieħed l-ebda kont ta' bosta ħlasijiet li hija kienet wettqet matul iż-żmien, minbarra l-fatt li ma huwiex minnu li l-faċilita' tal-*Visa Card* kienet ta' ħamest elef u tmien mija u għaxar euro (€5,810), iżda ta' ħames mitt euro (€ 500);

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2012[1], li bih u fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni, l-Qorti ordnat il-qlib fl-ordni tal-provi mressqa;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

[1] Paġ 45 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Jannar, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' dejn maħluq f'faċilita' bankarja. Il-Bank attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "HSBC") kien ta faċilita' ta' *flexicredit loan* lill-imħarrka, flimkien ma' faċilita' oħra ta' karta ta' kreditu. Billi d-dejn baqa' ma nqatax, HSBC qed ifittex lill-imħarrka għall-ħlas tal-bilanċ li jgħid li għad għandu jitħallas u kif ukoll għall-imgħaxijiet legali miġmugħin fuq l-imsemmi bilanċ;

Illi l-imħarrka laqgħet għal din l-azzjoni billi qajmet kwestjoni dwar is-siwi tad-dokumenti mressqin mar-Rikors Maħluf minħabba li ma kenux awtentikati. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija kienet ħallset lil HSBC ammonti li l-istess Bank mhux qiegħed iqishom fis-somma li issa qiegħed jitlobha tħallsu;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-3 ta' Mejju, 2008[2], HSBC ta lill-imħarrka faċilita' ta' self ta' ħamest elef tmien mija u tletin euro (€ 5,830) li kellha titħallas lura sa żmien ħames snin f'rati ndaqs kull xahar ta' mija u ħmistax-il euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€ 115.72) kull waħda u bil-kundizzjonijiet l-oħrajn imsemmija fil-ftehim[3],

Illi fis-6 ta' Awwissu, 2009, HSBC ta lill-imħarrka faċilita' oħra ta' self għall-ammont ta' ħdax-il elf u ħames mitt euro (€ 11,500) li kellha titħallas lura sa żmien ħames snin f'rati ndaqs kull xahar ta' mitejn u tmintax-il euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€ 218.74) kull waħda u bil-kundizzjonijiet l-oħrajn imsemmija fil-ftehim[4];

Illi l-imħarrka welldet tarbija f'Settembru tal-2009 u billi ma ngħatatx mill-prinċipal tagħha l-konċessjoni li taħdem f'ħinijiet flessibbli biex tkun tista' tieħu ħsieb it-tarbija, irriżenjat mill-impieg tagħha[5]. Billi ġiet f'qagħda li ma kellhiex aktar is-salarju, waslet f'arranġament[6] ta' ri-skedar tal-ħlasijiet ma' HSBC biex tħallas ħamsa u sebgħin euro (€ 75) kull xahar għal ftit taż-żmien qabel ma terġa' tibda tħallas ir-rati sħaħ miftehim[7];

---

[2] Dok "D", f'paġġ. 12 – 8 tal-proċess
[3] Dok "PC2", f'paġġ. 72 – 72A tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġġ. 7 – 10 tal-proċess
[5] Xhieda tagħha 12.2.2013, f'paġ. 47 tal-proċess
[6] Dok "PC21", f'paġ. 114 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Adrian Saliba Corrado 13.6.2013, f'paġ. 59 tal-proċess

Illi minħabba li l-imħarrka ma kenitx żammet mal-iskeda tal-ħlasijiet kif miftiehem, f'Settembru tal-2010[8] HSBC talabha tħallas il-bilanċ li kien fadal fi żmien ġimgħa. F'Ottubru tal-2010[9], HSBC reġa' kiteb lill-imħarrka biex ifissrilha kif kien imqassam l-ammont li hu kien iqis li kellha tagħtih. F'Ġunju tal-2011[10] HSBC talabha tħallas il-bilanċ b'ittra uffiċjali għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'Nota tal-20 ta' Lulju, 2011[11], l-imħarrka opponiet għat-talba magħmula fl-imsemmija ittra uffiċjali għar-raġuni li ma kenitx ingħatat rendikont tal-ammonti kif mitluba minn HSBC;

Illi fil-21 ta' Frar, 2012, HSBC fetaħ din il-kawża. Dak inhar jidher li HSBC ħareġ ukoll att kawtelatorju ta' Sekwestru kontra l-imħarrka li laqat faċilita' bankarja li kellha ma' Bank ieħor[12];

Illi l-Qorti tibda bil-konsiderazzjonijiet ta' bixra legali li jolqtu din il-kawża billi tqis l-ewwel l-**eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrka. Għalkemm hija tgħid sewwa li d-dokumenti mressqin minn HSBC mar-Rikors Promotur ma kenux id-dokumenti oriġinali u lanqas kienu awtentikati, dan ma jfissirx li l-istess dokumenti ma jistgħux jitressqu bħala prova min-naħa tal-Bank kreditur. Fl-ewwel lok, uħud mid-dokumenti huma kopji ta' atti ġudizzjarji, filwaqt li oħrajn huma kopji tat-transazzjonijiet li għaddew bejn HSBC u l-imħarrka b'rabta mal-faċilitajiet li ngħatawlha. Matul is-smigħ tal-kawża, d-dokumentazzjoni kollha kienet konfermata b'ġurament minn xhud imressaq minn HSBC[13], minbarra li fil-każ ta' dokumenti oħrajn, kienet l-imħarrka nnifisha li ressqet kopja fotostatika tagħhom waqt li kienet qiegħda tressaq il-provi tagħha;

Illi, minbarra dawn id-dokumenti, tressqet xhieda li fissret il-kontenut tagħhom u b'hekk ikkorroborat il-prova dokumentali mal-provi l-oħrajn li nġabu mal-mixi tal-kawża;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel eċċezzjoni preliminari ma hijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tat-talbiet** attriċi u tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu** dwar dawk it-talbiet, jidher li HSBC jistrieħ fuq ix-xhieda u l-provi dokumentali li ssemmew qabel biex jiġġustifika t-talbiet li qiegħed iressaq kontra l-imħarrka. Min-naħa tagħha, l-imħarrka mkien ma tgħid li

[8] Dok "E", f'paġ. 19 tal-proċess
[9] Dok "PC26", f'paġ. 119 tal-proċess
[10] Dok "F", f'paġġ. 20 – 2 tal-proċess
[11] Dok "Ġ", f'paġ. 23 tal-proċess
[12] Dok "PC33", f'paġ. 126 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Adrian Saliba Corrado 13.6.2013, f'paġ. 57 tal-proċess

mhijiex debitriċi ta' HSBC, imma li l-istess Bank attur ma tax każ ta' ħlasijiet li kienet wettqet u li ma ġewx ikkreditati favuriha biex jaqtgħu mid-dejn li għandha miegħu;

Illi fil-qofol tagħha, din l-eċċezzjoni hija l-"*exceptio soluti*" u dan ifisser li kien jaqa' fuq l-imħarrka li tipprova fi grad tajjeb biżżejjed il-ħlasijiet li saru u li ma kenux riflessi fir-rendikonti li ngħatawla minn HSBC. Kien minħabba f'hekk li l-Qorti ordnat qlib fl-ordni tat-tressiq tal-provi;

Illi huwa stabilit li l-eċċezzjoni tal-ħlas (l-*exceptio soluti*) hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jilqa' għat-talba għall-eżekuzzjoni ta' dik l-istess obbligazzjoni min-naħa tal-kreditur. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni[14] u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur[15]. Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi[16] kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, iġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[17]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din;

Illi f'din il-kawża, l-imħarrka xehdet li saru xi ħlasijiet min-naħa tagħha fi flus kontanti li ma kinux dokumentati. F'ċirkostanzi bħal dawn, ma jkun qatt għaqli għal debitur li jwettaq ħlas u ma jitlobx minnufih ir-riċevuta mingħand il-kreditur tiegħu. Min-naħa l-oħra, meta ressqet dokument[18] bħala prova ta' ħlas imwettaq minnha li ma kienx rikonoxxut minn HSBC, tressqet xhieda[19] li xxejjen dik il-pretensjoni tal-imħarrka. Kemm hu hekk, ingħatat tifsira u tqabbil mal-provi dokumentali li tressqu fl-atti tal-kawża li sewwasew dak il-ħlas kien ħlas magħruf u reġistrat minn HSBC qabel ma ressaq il-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas tal-bilanċ f'din il-kawża;

Illi kif ingħad, l-imħarrka ma ressqet l-ebda sura ta' riċevuta dwar il-ħlasijiet li hija tgħid li saru min-naħa tagħha u li ma ġewx akkreditati jew magħrufa minn HSBC. L-irċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-

[14] Art. 1147(1) tal-Kap 16
[15] Art. 1146 tal-Kap 16
[16] Art. 1145(a) tal-Kap 16
[17] P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**
[18] Ara Dok "PC30", f'paġ. 123 tal-proċess
[19] Ara xhieda ta' Dr Sylvana Żammit Demicoli 10.10.2013, f'paġ. 134 tal-proċess

nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ. Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas[20], imma l-imħarrka ma ġabitx provi xierqa biex turi dan jew ċirkostanzi li jikkonvinċu lil din il-Qorti illi dak kien tabilħaqq il-każ;

Illi fis-sewwa, jidher li sa ma bdiet din il-kawża, l-ilment waħdieni tal-imħarrka kien li HSBC ma kienx qiegħed jgħaddilha rendikonti dettaljati biżżejjed biex ifissrilha kif kien wasal biex jitlobha tħallsu s-somom li kien qiegħed jitlobha. Xhieda ta' rappreżentant imressaq minn HSBC – Adrian Saliba Corrado – wkoll turi li l-ilment tal-imħarrka kien dan u mhux li kienet wettqet xi ħlasijiet mhux magħrufa. Il-Qorti tifhem li l-qagħda finanzjarja mwiegħra li l-imħarrka sabet ruħha fihom minħabba ċirkostanzi personali, setgħet ġabitilha taqlib fil-ħajja tagħha u l-ħtieġa li tkun mgħejjuna fil-fażi li kienet għaddejja minnha. Jidher li HSBC nnifsu għaraf dan u taha "*moratorium*" ta' ftit xhur biex tħallas lura d-dejn tagħha b'rati mnaqqsa kull xahar. Imma dawn ma jfissrux li b'daqshekk l-imħarrka wettqet xi ħlasijiet li ma jinsabux murija fil-prospetti li jsaħħu t-talba tal-Bank attur;

Illi min-naħa l-oħra l-provi li ressaq HSBC huma tali li l-Qorti setgħet tiflihom u tarahom sewwa u jagħtu stampa li wieħed jista' joqgħod fuqha tal-qagħda tabilħaqq minnha li tirrigwarda lill-imħarrka. Din, min-naħa tagħha, ftit li xejn ġabet provi biex twaqqa' dawk imressqin minn HSBC;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrka ma ġietx pruvata kif imiss u li t-talbiet attriċi huma tajbin u mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet,** kemm preliminari u kif ukoll fil-mertu, mqajmin mill-imħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrka għandha tħallas lill-Bank attur is-somma ta' tnax-il elf tliet mija u tlettax-il euro u sitt ċenteżmi (€ 12,313.06) rappreżentanti bilanċi għad-debitu minn faċilitajiet bankarji minnu lilha mogħtijin, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-26 ta' Jannar, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv;

[20] P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.776**) u App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Pearson et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.317** a fol. 322 – 3)

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-istess imħarrka tħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tnax-il elf tliet mija u tlettax-il euro u sitt ċenteżmi (€ 12,313.06), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-26 ta' Jannar, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-imħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------